Nru./No. 21,546
Prezz/Price
€3.42

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2025
Tuesday, 2nd December, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 15,945 - 15,963
Government Notices ..... *15,945 - 15,963*

Avviżi tal-Pulizija ..... 15,964 - 15,966
Police Notices ..... *15,964 - 15,966*

Avviżi lill-Baħħara ..... 15,967 - 15,970
Notices to Mariners ..... *15,967 - 15,970*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 15,971 - 15,974
Employment Opportunities ..... *15,971 - 15,974*

Avviżi tal-Gvern ..... 15,974 - 15,976
Notices ..... *15,974 - 15,976*

Offerti ..... 15,976 - 15,977
Tenders ..... *15,976 - 15,977*

Avviżi tal-Qorti ..... 15,978 - 16,016
Court Notices ..... *15,978 - 16,016*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1900

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S.549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar,

WARA LI KKUNSIDRAT it-talba tal-Kummissjoni Ewropea għal informazzjoni dwar kif l-għarfien tal-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-Pluviera tista' titjieb b'mod ġenerali (inkluż l-użu ta' *satellite tracking*) kif diskuss waqt il-laqgħa bilaterali li saret fis-26 ta' Novembru, 2019, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis (Malta) waqt il-laqgħat tiegħu:

fid-29 ta' Lulju, 2020 (rakkomandazzjoni fil-prinċipju);

fit-2 ta' Awwissu, 2023 (tiġdid tal-perjodu ta' riċerka);

fil-5 ta' Settembru, 2024 (tiġdid tal-perjodu ta' riċerka); u

fis-6 ta' Ottubru, 2025 (tiġdid tal-perjodu ta' riċerka)

B'DAN TAWTORIZZA l-applikazzjoni ta' deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4(1)(a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(1)(e). Din id-deroga tippermetti li tinqabad Pluviera (*Pluvialis apricaria*) waħda (1) mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għall-iskop li tiġi mgħammra b'satellite-tag, segwit mir-rilaxx immedjat tagħha lura fis-selvaġġ. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka sabiex jiġi monitorat u evalwat ir-rotta migratorja tal-kampjun b'satellite-tag. Il-perjodu li fih hija permessa din id-deroga hu mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż sal-10 ta' Jannar, 2026, u tali perjodu għandu jintemm immedjatament malli t-tag tiġi użata. Din l-attività hija strettament suġġetta għall-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

It-2 ta' Diċembru, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 1900

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L.549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning,

HAVING CONSIDERED the European Commission's request for information on improving the knowledge base on Malta's reference population of Golden Plover (including satellite tracking), as discussed during the bilateral package meeting held on 26th November, 2019, and the recommendations of the Malta Ornis Committee during its meetings on:

29th July, 2020 (in-principle recommendation);

2nd August, 2023 (renewal of research period);

5th September, 2024 (renewal of research period); and

6th October, 2025 (renewal of research period)

HEREBY AUTHORISES the application of a derogation from the provisions of Regulation 4 (1)(a), (d), and (e) in line with the provisions of Regulation 9(1)(e). This derogation permits the capturing of one (1) Golden Plover (*Pluvialis apricaria*) by the Wild Birds Regulation Unit for the purpose of affixing a satellite-tag, followed by its immediate release back into the wild. The authorisation is granted for the purpose of research to monitor and assess the migratory route of the specimen. The validity period shall be from the date of publication of this Notice until 10th January, 2026, and shall cease immediately upon the deployment of the tag. This activity is strictly subject to the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit.

2nd December, 2025

Nru. 1901

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

Bord tal-Malita Investments Limited

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Marvin Gaerty inħatar Direttur fuq il-Board tal-Malita Investments Ltd wara r-riżenja tas-Sur Johan Farrugia.

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ sas-27 ta' Mejju, 2026.

Is-27 ta' Novembru, 2025

No. 1901

MINISTRY FOR SOCIAL AND AFFORDABLE ACCOMMODATION

Malita Investements Ltd Board

IT is to be notified for general information that Mr Marvin Gaerty has been appointed as Director on the Malita Investements Ltd Board in lieu of the resignation of Mr Johan Farrugia.

The nomination will remain valid until the 27th May, 2026.

27th November, 2025

Nru. 1902

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,545 tat-28 ta' Novembru, 2025 (Avviżi Legali 269 sa 273).

A.L. 269 tal-2025: Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi (Kap. 191); Ordni tal-2025 dwar l-Applikazzjoni tat-Taqsima III tal-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi (Iċ-Ċentru Globali dwar il-Monitoraġġ tas-Sanzjonijiet Marittimi).

A.L. 270 tal-2025: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Servizz.gov.

A.L. 271 tal-2025: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2025 dwar l-Obbligi ta' Rappurtar dwar is-Sostenibbilità taċ-Ċentri tad-Data.

A.L. 272 tal-2025: Att dwar dil-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (Emenda Nru 2).

A.L. 273 tal-2025: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117), Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

It-2 ta' Diċembru, 2025

No. 1902

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,545 of 28th November, 2025 (Legal Notices 269 to 273).

L.N. 269 of 2025: Diplomatic Immunities and Privileges Act (Cap. 191); Application of Part III of the Diplomatic Immunities and Privileges Act (Global Centre for Maritime Sanctions Monitoring) Order, 2025.

L.N. 270 of 2025: Public Administration Act (Cap. 595); Servizz.gov Agency (Establishment as an Agency) (Amendment) Order, 2025.

L.N. 271 of 2025: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Data Centres (Sustainability Reporting Obligations) Regulations, 2025.

L.N. 272 of 2025: Environment Protection Act (Cap. 549); Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas (Amendment No. 2) Regulations, 2025.

L.N. 273 of 2025: Supplies and Services Act (Cap. 117), Environment Protection Act (Cap. 549); Restrictions on Placing on the Market of Single-use Plastic Products (Amendment) Regulations, 2025.

2nd December, 2025

Nru. 1903

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B (1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dott. Erica Camilleri biddlet kunjomha minn Camilleri għal Soler u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Erica Soler.

Dott. Keith Francis German
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Novembru, 2025

No. 1903

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B (1) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Erica Camilleri changed her surname from Camilleri to Soler, and therefore her name and surname now read Erica Soler.

Dr Keith Francis German
Chief Notary to Government

28th November, 2025

Nru. 1904

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Nicole Cassar Zammit bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Stephenie Sant u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2025 u l-14 ta' Jannar, 2026.

Illum it-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1904

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Nicole Cassar Zammit to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Stephenie Sant for the period between the 12th December, 2025 till the 14th January, 2026.

Today Tuesday, 25th November, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1905

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' April, 2025, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 496.

It-2 ta' Diċembru, 2025
(File No. L/517/2020/4)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħad-Dingli:

No. 1905

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration of the Chairman of the Lands Authority published in the Government Gazette of the 12th April, 2025, under Government Notice No. 496.

2nd December, 2025

Description of the Land

The following land in Ħad-Dingli:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 26 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa u min-Nofsinhar u mil-Lbiċ ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Ministru għat-Transport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, ġie kkonfermat illi l-art hawn fuq imsemmija m'ghadhiex aktar meħtiega u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha l-imsemmija art se tingħata lura lis-sidien.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D 2020_0690_6_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-27 ta' Novembru, 2025

A plot of land measuring about 26 square metres, bounded on the North by property of unknown owners and on the South and and South West by a public road or more precise boundaries.

With the approval of the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works, it has been confirmed that the above mentioned plot of land is no longer required and so this revocation is being made by which the mentioned land will be returned to the owners.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D 2020_0690_6_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

27th November, 2025

Nru. 1906

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1906

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Aidan Cauchi	272989M	97, Ġnejna Mans, Blk C, Flat 4, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar
Darren Bonnici	53694M	Blk E4, Flat 5, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex
Shoaib Akram	9006375A	4, Ivan, Triq Anthony Valletta, Birkirkara
Mohammad Sohel Rana	411114A	2, Cabo, Triq l-Ilma, Is-Swieqi
Vinoop Omanakuttan	344079A	124, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa
Ram Prasad Gautam	330603A	259, Massabielle, Flat 1, Triq il-Kbira, Ħal Balzan
Amjot Singh	490366A	107, New York, Triq San Pawl, L-Imġarr
Xuewei Wang	501415A	Armonija, Flat 6, Triq il-Qrempuċ, Marsaskala
Shamraiz Ahmed	492216A	46, Flat 1, Triq Aniċi, Ħal Qormi
Sonia Psaila	54073M	120, May Flower, Triq Lia, Ħaż-Żabbar
Yanika Curmi	420690M	Santa Barbara, Blk C2, Flat 4, Triq Ċensu Farrugia, L-Imsida
Manolito Bugeja	301577M	122, St Anthony's Crt, Flat 14, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar

John Bezzina	10556G	198, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Ir-Rabat, Għawdex
Luke Isaak K/a Luke Muscat	600104L	17, Carina, Triq il-Forġa, In-Naxxar
Girolamo Vassallo	559460M	21, Notre Dame, Triq tal-Providenza, Is-Siġġiewi
Liyakat Ali Shaik	467911A	138, Joli, Flat 6, Triq il-Merżuq, Birżebbuġa
Usman Khalid	478449A	133, Marusca, Triq Santa Katarina, Ħal Qormi
Tahir Mehmood	492471A	46, Flat 1, Triq Aniċi, Ħal Qormi
Bipana Rana	323849A	Lutan, Triq is-Serkin, Il-Marsa
Shiplu Das	221844A	50, Triq Michelangelo Cagiano, San Ġiljan
Dalibor Lukic	506935A	Twenty Sixteen, Flat 8, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà
Mikael Bonnett	138104L	Blk 3, Flat 2, Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa
Carmel Micallef	362170M	12, Triq Għajn Dwieli, Sqaq Nru 1, Paola
Drayden Cassar	368805L	70, Carm Joe, Triq Sidtna Tal-Angli, Ħaż-Żebbuġ
Dejhaia Scerri	211807L	Blk A, Flat 9, Triq l-Għajn, Il-Belt Valletta
Jayden Borg	707L	17, Triq il-Knisja, Birżebbuġa
Subash Pandey	479629A	19, Flat 2, Triq Lapsi, San Ġiljan
Nawaraj Dhakal	452212A	Golden Court, Flat 4, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar
Anas Mehmood	501839A	5, Triq San Ġużepp, Ħal Għaxaq
Damon Grima	408896M	49, St Joseph, Triq Xintill, Ħal Tarxien
Emmanuel Camilleri	311900L	5, Carmad, Triq Amleto Spiteri, Ħal Qormi
Mireya Zammit	398306L	3, Xandarett F/H, Triq San Anard Limiti tax-Xaqqa, Ħaż-Żabbar
Chris Mula	501292M	164, Triq Ġuzè D'Amato, Ħal Tarxien
Axel Griffiths	119206L	8, Miżieb, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar
George Spiteri	562861M	7, Ogriv, Triq il-Mitjar, Ħal Luqa
Moses Gboyega Olanipekun	500374A	16, Marika, Triq il-Ġiżi, San Ġwann
Naveen Nomula	484108A	90, Lesce, Triq Tal-Ħamrija, Marsaskala
Rejo Pozholiparambil Pious	382262A	18, Joecon, Flat 4, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa
Mark Mallia	138687M	10, Flat 3, Triq il-Ġiżimina, Ħaż-Żabbar
Francesca Mariah Portelli	250005L	29, Serenità, Triq il-Kromb, Ħ'Attard
Francis Chukwudubem Nwaofude	508649A	Solitaire, Flat 1, Triq is-Sliem, Marsaskala
Daniel Adebamipe	505001A	Solitaire, Flat 1, Triq is-Sliem, Marsaskala
Zubair Ali	483682A	6, Valley View Crt, Flat 10, Triq Żakkew, L-Imsida
Suraj Mahat	210227A	Taljan Court, Flat 1, Triq Karmni Grima, L-Għarb, Għawdex
Md Muntasir Mamun	506076A	45, Pherlene, Triq San Paċifiku, Il-Mosta
Melvin Chetcuti	144886M	32, Demus, Blk B, Flat 6, Triq id-Dwiemes, Iż-Żejtun
Kumari Anupala	458647A	39, Anfield Crt, Flat 10, Triq Giovanni Schranz, L-Imsida
Kamal Ahmad	398455A	Panorama, Flat 3, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Noe Agius	68682M	50, Sanctuary Place, Flat 1, Triq tal-Ħofra, Ħaż-Żabbar
John Borg	404675M	86, Cottoner Bldg, Flat 3, Vjal Kottoner, Il-Fgura
Chandra Bahadur Niroula	478396A	64, Waterford, Flat 1, Triq Oscar Zammit, L-Imsida.
Ram Charan Chaudhary	410649A	78, La Fayette, Blk A, Flat 4, Vjal il-25 ta' Novembru, Iz-Żejtun
Shahid Ayub Khan	489678A	12, Triq it-Tiġrija, Il-Marsa

Anish Kumar Thakur	453894A	Phryso Court, Flat 2, Triq Majmuna, Ix-Xewkija, Għawdex
Funso Dele Babalola	473790A	53, Calypso, Flat 4, Triq San Gużepp, Tal-Pietà
Mark Spiteri	451769M	32, Triq San Rafel, Ħal Qormi
Bernardette Camilleri	119568M	29, Campanella, Triq Francis X. Attard, Ħaż-Żabbar
Tahir Maqsood Ahmad	487231A	Oakhil, Flat 1, Triq il-Ħtajriet,Il-Mosta
Harpreet Sharma	481247A	Alberto Crt, Flat 2, Triq in-Nissieġ, In-Naxxar
Ekene Braindan Okeke	508983A	Amber Crt, Flat 9, Triq il-Qrempuċ, Marsaskala
Onyeisi Jonah	9001297A	7, Peprina, Flat 3, Triq tal-Bilbel, San Pawl il-Baħar
Shashikant Sharma	354809A	Kappara Court, Flat 8, Triq Turu Rizzo, Il-Gżira
Ali Farhan	478908A	12, St George's, Room 1, Triq l-Oratorju, Ħal Qormi
Satish Muddala	482012A	Seaview Apts, Flat 13C, Triq San Ġorġ, San Ġiljan
Temitope Agbolahan Kolawole	502782A	7, Panorama, Triq Karmenu Bonello, Is-Siġġiewi
Abdur Kadir Zilani	484443A	2, Triq Watar, Ta'Xbiex
Caroline Cristina	537579M	57, Cosy Cottage, Triq is-Sienja, Iż-Żurrieq
Kenneth Cauchi	342191M	41, Mi Sueno, Triq il-Kan. Ġwann Borg, Ħal Luqa
Lincoln Micallef	296307L	21, Allianz Crt, Flat 2, Triq Ħlantun, Ħal Safi
Antonio Gatt	35563M	57, Triq San Ġwann l-Għammied, Ir-Rabat
Brandon Spiteri	69298M	35, Marshall Court, Blk E, Flat 90, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira
Karl Agius	408604L	1, The Garden Lodge, Triq il-Kokka, San Ġwann
Joseph Farrugia	880852M	Southridge, Blk G, Flat 11, Triq id-Deru, Il-Mellieħa
Charles Joseph Agius	539785M	120, Podberdo, Flat 4, Triq il-Knisja, San Pawl il-Baħar
Paul Gatt	17770M	19, Black Eagle, Triq il-Familja Cumbo, Il-Mosta
Darren Caruana Pulis	195182M	140A, Tal-Bejta, Flat 1, Triq il-Qadi, Iż-Żejtun
Ruth Mercieca	206978M	219, Hay-Han, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar
Srinivasulu Merugu	479502A	406, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera
Yanling Liu	140456A	19, Victoria, Flat 2, Triq Ta' Feliċjan, Birzebbuġa
Jabran Gul	478711A	76, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema
Raymond Fenech	520164M	27, Sempreviva, Triq il-Ġiżwiti, In-Naxxar
Carmel Falzon	16462M	236, Caris Lodge, Vjal l-Indipendenza, Iż-Żurrieq
Muhammad Afzaal	472117A	245, Spiteri Bldg, Flat 2, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa
Gagan Goswami	469465A	131, Thank God, Triq Santa Katarina, Ħal Qormi
Alan Grech	26479M	112, Triq Patri Mattew Sultana, Il-Kalkara
Jonathan Micallef	536379M	Binja Hersi, Ent. G, Flat 2, Triq Dun Anton Vella, Is-Siġġiewi
George Scicluna	233964M	16, Junior, Triq Fonzu Meli, Ħal Qormi
Carmel Desira	513752M	16, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Ħaż-Żabbar
Amritpal Singh	499283A	99, Triq Fra Gaetano Pace Forno, Il-Ħamrun
Ruth Tonna	84687M	Bluberry Crt, Blk B, Flat 8, Triq F. S. Caruana, Birkirkara
Shahid Muhammad	495412A	Seven Apartments, Triq San Ġorġ, San Ġiljan
Ushnit Dangal	458062A	282, Sevena Crt, Flat 5, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar
Evan Azzopardi	169878M	52, Triq Azzopardi, Il-Marsa
Francis Grixti	56975M	50, Moulin E'Vent, Triq Sant'Andrija, Iż-Żurrieq
Brandon Giliberti	75396M	87, Massimo, Triq Barth, Il-Ħamrun

Zhang Yanmei	177380A	22, Isola Mediterranea, Flat 6, Triq Henry F. Bouverie, Il-Gżira
Wayne Dalli	433789M	8, Triq il-Knisja, Ħal Għaxaq
Atherton Meli	398204L	106, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi
Marisa Chetcuti	280482M	112, Belleville Apts, Flat 12, Triq Birkirkara, San Ġwann
Marija Cassar	325090M	9, Triq San Ġużepp, Birżebbuġa
Gilmour Azzopardi	183288M	Blk 1, Flat 1, Triq Danny Cremona, Ħal Kirkop
Ganga Devi Shrestha	368563A	8, Everlast, Flat 1D, Triq Oscar Zammit, Il-Ħamrun
Amarjit Singh	478579A	The Bowery, Flat 7, Triq il-Kavetti, Marsaskala
Usama Mustafa	495458A	7, Calypso Crt, Blk A, Flat 3, Triq l-Imħallef Paolo Debono, L-Imsida
Shahzad Wasim	493936A	Rado Court, Flat 3, Triq Nicola Ardino, San Pawl il-Baħar
Saju Paikkattu Raju	419924A	2, Tajara, Triq is-Simblija, in-Naxxar
Sushil G C	467765A	South Blk, San Anton Hotel, Room 4602, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar
Aimen Berrad	196307L	32, Triq Maitland, Il-Ħamrun
Manoj Rokaha	463254A	29 Flat 5, Triq E. Attard Bezzina, Iż-Żejtun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-2 ta' Diċembru, 2025

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

2nd December, 2025

Nru. 1907

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2025 dwar il-Leave għall-Korriment tat-Tqala
Attività li għandha tiġi regolata	Leave għall-korriment tat-tqala
Entità Responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Taqsira u l-isfond

Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jipprovdu qafas kompassjonali u inklużiv għall-ħaddiema affettwati minn korriment tat-tqala, irrispettivament mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-istatus tal-familja. Il-leġiżlazzjoni tagħti sebat (7) ijiem tax-xogħol ta' leave imħallas kemm lill-individwu li jkun sofra l-korriment tat-tqala kif ukoll lill-ġenitur prospettiv l-ieħor, applikabbli għat-tipi kollha ta' impjieg; full-time, part-time, indefinit jew għal żmien fiss, mingħajr ma jkun meħtieġ l-ebda perjodu minimu ta'servizz.

Il-leave għandu jitħallas abbażi tal-paga bażika tal-impjegat, u l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi mill-prinċipal lid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali fi żmien tliet (3) xhur mill-korriment tat-tqalaIżda jekk il-prinċipal jonqos milli jissottometti l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat id-dritt għar-rimborż jintilef. Il-ħaddiema huma meħtieġa jippreżentaw ċertifikat mediku li jikkonferma li l-korriment tat-tqala seħħ qabel it-22 ġimgħa tat-tqala u l-ġenitur prospettiv l-ieħor għandu jiġi identifikat permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata. Il-prinċipali huma strettament marbuta li jżommu l-kunfidenzjalità dwar l-informazzjoni kollha relatata, skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) u l-GDPR.

B'mod importanti, ir-regolamenti jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, it-tkeċċija jew it-trattament avvers ta' ħaddiema li jagħmlu użu minn leave għall-korriment tat-tqala. Id-drittijiet tal-impjieg jiġu ppreservati matul il-perjodu tal-leave, u l-ħaddiema huma intitolati li jirritornaw għall-irwoli tagħhom bi kwalunkwe titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol. It-tilwim jista' jiġi riferut lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg għall-medjazzjoni, u d-dispożizzjonijiet huma applikabbli wkoll għall-impjegati tas-servizz tal-gvern. Il-ksur ta' dawn ir-regolamenti huwa meqjus bħala reat taħt l-Att u soġġett għall-pieni stabbiliti fl-Att.

2.2 L-importanza tar-regolamenti

L-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamentiti mmarka avvanz sinifikanti fid-drittijiet fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. Dawn ir-regolamenti jirrikonoxxu l-impatt emozzjonali u fiżiku tal-korriment tat-tqala u jaffermaw l-importanza li jingħata appoġġ ta' mogħdrija lill-ħaddiema affettwati. Billi jingħataw sebat (7) ijiem tax-xogħol ta' leave imħallas kemm lill-individwu li sofra l-korriment tat-tqala kif ukoll lill-ġenitur prospettiv l-ieħor, irrispettivament mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew l-istatus tal-familja, ir-regolamenti jippromwovu l-inklużjoni u l-ugwaljanza fil-prattiki tal-impjieg.

L-importanza ta' dawn ir-regolamenti tinsab fil-ħila tagħhom li jissalvagwardjaw id-dinjità tal-ħaddiema fi żmien vulnerabbli, filwaqt li jiżguraw ukoll li d-drittijiet tax-xogħol jiġu ppreservati. Dawn jeliminaw l-ostakli bħat-tul tar-rekwiżiti tas-servizz u jipproteġu kontra d-diskriminazzjoni, it-tkeċċija, jew it-trattament avvers. Barra minn hekk, l-enfasi fuq il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-data, u n-nuqqas ta' żvelar tat-tqala qabel il-korriment tat-tqala tirrifletti approċċ progressiv għall-privatezza u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

2.3 Konsultazzjoni

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, bord tripartitiku li jinkludi rappreżentanti ta' trade unions, assoċjazzjonijiet ta' prinċipali, u l-gvern, kif stipulat fl-Att.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn tlettax (13)-il regolament u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu, għan, applikabbiltà u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. Dritt għal-leave għall-korriment tat-tqala.
4. Ċertifikat mediku u dikjarazzjoni.
5. Proċessar ta' data personali mill-prinċipal.
6. Reġistru.
7. Drittijiet tax-xogħol.
8. Diskriminazzjoni.
9. Protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi avversi.
10. Protezzjoni minn tkeċċija u l-oneru ta' prova.
11. Riżoluzzjoni ta' tilwim.
12. Applikabilità għall-Gvern.
13. Reati u pieni.

4. Kummentarju

Ir-regolament 3: Jipprovdi li kull ħaddiem huwa intitolat għal sebat (7) ijiem tax-xogħol ta' leave imħallas. Dan il-leave għandu jittieħed minnufih wara l-korriment tat-tqala. L-intitolament japplika individwalment kemm għall-persuna li esperjenzat il-korriment kif ukoll għall-ġenitur prospettiv l-ieħor. Il-ħlas għal dan il-leave huwa bbażat fuq il-paga bażika tal-impjegat u l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali, fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-korriment tat-tqala. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-prinċipal iżda jekk jonqos milli jissottometti l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat hu id-dritt għar-rimborż jintilef. Il-leave japplika għat-tipi kollha ta' impjieg u mhuwiex soġġett għal tul ta' servizz jew perjodi ta' kwalifika. Hija indipendenti minn tipi oħra ta' leave, u l-ħaddiema jistgħu jagħżlu bejn il-leave għall-korriment u l-leave għal vaganzi diġà approvat jekk jirkbu fuq xulxin. Iżda jekk l-ħaddiem jagħżel il-leave għall-vaganzi, huwa jitlef id-dritt milli jagħmel użu mil-leave għall-korriment tat-tqala peress li dan irid jittieħed minnufih wara li jseħħ il-korriment tat-tqala.

Ir-regolament 4: Il-ħaddiema għandhom jissottomettu ċertifikat mediku mingħand ostetriku jew ġinekologu reġistrat fi żmien jumejn (2) tax-xogħol minn meta jirritornaw lura għax-xogħol. Iċ-ċertifikat għandu jikkonferma li l-korriment seħħ qabel it-22 ġimgħa u jidentifika l-ħaddiem. Sabiex il-ġenitur prospettiv l-ieħor jikkwalifika, dikjarazzjoni ffirmata mill-ħaddiem u kontrofirmata mill-ġenitur prospettiv hija meħtieġa. M'hemmx bżonn ta' aktar dokumentazzjoni u l-iżvelar minn qabel tat-tqala mhuwiex obbligatorju.

Ir-regolament 5: Prinċipali għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha relatata mal-leave għall-korriment tat-tqala, inklużi ċertifikati mediċi, b'kunfidenzjalità stretta. Id-data għandha tiġi pproċessata biss għall-amministrazzjoni tal-leave u skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) u l-GDPR (Regolament tal-UE 2016/679). L-aċċess huwa limitat għall-persunal involut direttament fil-proċess, li għandu jkun marbut b'obbligi ta' kunfidenzjalità.

Ir-regolament 6: Għandu jinżamm reġistru kunfidenzjali mid-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali. Dan għandu jirreġistra l-ħaddiema li għamlu użu mil-leave għall-korriment tat-tqala u l-prinċipali li ssottomettew applikazzjonijiet għal rimborż. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg u kwalunkwe uffiċjal li jaġixxi f'ismu, għandu jkollhom aċċess għal dan ir-reġistru.

Ir-regolament 7: Il-ħaddiema jżommu d-drittijiet kollha tal-impjieg matul il-leave għall-korriment tat-tqala. Kwalunkwe drittijiet miksuba jew li jkunu għaddejjin fil-bidu tal-leave jiġi ppreservat. Mar-ritorn, il-ħaddiema huma intitolati li jkomplu l-irwoli tagħhom u jibbenefikaw minn kwalunkwe titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li kienu japplikaw kieku ma ħadux il-leave għall- korriment tat-tqala.

Ir-regolament 8: Il-prinċipali huma pprojbiti milli jiddiskriminaw kontra ħaddiema li jieħdu leave għall-korriment tat-tqala. Dan jinkludi kwalunkwe forma ta' trattament mhux ugwali bbażat fuq l-użu ta' dan l-intitolament.

Ir-regolament 9: Il-ħaddiema, inklużi r-rappreżentanti tal-impjegati, huma protetti minn ritaljazzjoni talli jressqu lmenti jew jibdew proċeduri legali sabiex jinfurzaw id-drittijiet tal-leave għall-korriment tat-tqala. Din il-protezzjoni hija b'żieda mas-salvagwardji taħt l-artikolu 28 tal-Att..

Ir-regolament 10: It-tkeċċija jew it-tħejjija għat-tkeċċija abbażi ta' leave għall-korriment tat-tqala huma illegali. Il-ħaddiema jistgħu jitolbu raġunijiet bil-miktub għat-tkeċċija, li għandhom jiġu pprovduti fi żmien 15-il jum kalendarju mit-talba. Jekk ħaddiem jippreżenta fatti li jissuġġerixxu li t-tkeċċija kienet minħabba leave għall-korriment tat-tqala, il-prinċipal għandu l-oneru tal-prova li juri xort'oħra.

Ir-regolament 11: Kwalunkwe tilwim fir-rigward ta' intitolament jew kwistjonijiet relatati jistgħu jiġu riferuti lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, li għandu jaġixxi bħala medjatur bejn il-partijiet.

Ir-regolament 12: L-intitolament għal-leave għall-korriment tat-tqala japplika wkoll għall-impjegati li jagħtu servizz lill-Gvern.

Ir-regolament 13: Kwalunkwe ksur ta'dawn ir-regolamenti jikkostitwixxi reat taħt l-Att u huwa punibbli taħt l-artikolu 45 tal-Att.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2026.

Informazzjoni ta' kuntatt

Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg
121, Triq Melita
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telefown:
1575 għall-impjegati
1576 għall-prinċipali

Email:
info.dier@gov.mt

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma humiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-2 ta' Diċembru, 2025

No. 1907

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Miscarriage Leave Regulations, 2025
Activity to be regulated	Miscarriage leave
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

These regulations aim to provide a compassionate and inclusive framework for workers affected by miscarriage, regardless of gender, sexual orientation or family status. The legislation grants seven (7) working days of paid leave to both the individual who suffered the miscarriage and the other prospective parent, applicable to all employment types; full-time, part-time, indefinite or fixed-term, without requiring any minimum service period.

The leave shall be paid based on the basic wage of the employee and the applications shall be submitted by the employer to the Social Security Division within three (3) months of the miscarriage. However if the employer fails to submit the application within this stipulated time his right for reimbursement will be forfeited. Workers are required to present a medical certificate confirming the miscarriage that occurred before the 22nd week of pregnancy and the other prospective parent shall be identified through a signed declaration. Employers are strictly bound to maintain confidentiality of all related information, in accordance with the Data Protection Act (Cap. 586) and GDPR.

Importantly, the regulations prohibit discrimination, dismissal or adverse treatment of workers who avail themselves of miscarriage leave. Employment rights are preserved during the leave period and workers are entitled to return to their roles with any improvements in working conditions. Disputes may be referred to the Director General of the Department of Industrial and Employment Relations for mediation, and the provisions are also applicable to government service employees. Breaches of these regulations are considered offences under the Act and subject to punishments established in the Act.

2.2 Importance of regulations

The introduction of these regulations marks a significant advancement in workplace rights and social protection. These regulations recognise the emotional and physical impact of miscarriage and affirm the importance of providing compassionate support to affected workers. By granting seven (7) working days of paid leave to both the individual who suffered the miscarriage and the other prospective parent, regardless of gender, sexual orientation or family status, the regulations promote inclusivity and equality in employment practices.

The importance of these regulations lies in their ability to safeguard workers' dignity during a vulnerable time, while also ensuring that employment rights are preserved. They eliminate barriers such as length of service requirements and protect against discrimination, dismissal, or adverse treatment. Furthermore, the emphasis on confidentiality, data protection, and non-disclosure of pregnancy prior to miscarriage reflects a progressive approach to privacy and mental well-being in the workplace.

[1]TTese Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

2.3 Consultation

Consultations were held with the Employment Relations Board, a tripartite board which comprises representatives of trade unions, employers' associations and the government, as stipulated in the Act.

3. Overview of the structure of the instrument

These regulations are made up of thirteen (13) regulations and consist of the following:

1. Citation, scope, applicability and commencement.
2. Interpretation.
3. Entitlement to miscarriage leave.
4. Medical certificate and declaration.
5. Processing of personal data by the employer.
6. Register.
7. Employment rights.
8. Discrimination.
9. Protection against adverse treatment or consequences.
10. Protection from dismissal and burden of proof.
11. Dispute resolution.
12. Applicability to Government.
13. Offences and punishments.

4. Commentary

Regulation 3: Every worker is entitled to seven (7) working days of paid leave. This leave shall be taken immediately following the miscarriage. The entitlement applies individually to both the person who experienced the miscarriage and the other prospective parent. Payment for this leave is based on the basic wage of the employee and the applications shall be submitted to the Social Security Division, within three (3) months from the date of the miscarriage. The application shall be submitted by the employer; however, if the employer fails to submit the application within the stipulated timeframe, his right for reimbursement shall be forfeited. The leave applies to all employment types and is not subject to service duration or qualification periods. It is independent of other leave types, and workers may choose between miscarriage leave and pre-approved vacation leave if they overlap. However, if the worker chooses to avail from pre-approved vacation leave, the entitlement for miscarriage leave shall be forfeited since the latter must be availed of immediately upon occurring.

Regulation 4: Workers shall submit a medical certificate from a registered obstetrician or gynaecologist within two (2) working days of returning to work. The certificate shall confirm the miscarriage occurred before the 22nd week and identify the worker. For the other prospective parent to qualify, a signed declaration by the worker and countersigned by the prospective parent is required. No further documentation is needed and prior disclosure of pregnancy is not mandatory.

Regulation 5: Employers shall treat all information related to miscarriage leave, including medical certificates, with strict confidentiality. Data shall be processed solely for leave administration and in accordance with the Data Protection Act (Cap. 586) and GDPR (EU Regulation 2016/679). Access is limited to personnel directly involved in the process, who shall be bound by confidentiality obligations.

Regulation 6: A confidential register shall be maintained by the Social Security Division. It shall record workers who availed themselves of miscarriage leave and employers who submitted reimbursement applications. The Director General

of the Department of Industrial and Employment Relations and any official acting on his behalf, shall have access to this register.

Regulation 7: Workers retain all employment rights during miscarriage leave. Any rights acquired or in progress at the start of the leave are preserved. Upon return, workers are entitled to resume their roles and benefit from any improvements in working conditions that would have applied had they not taken the miscarriage leave.

Regulation 8: Employers are prohibited from discriminating against workers who take miscarriage leave. This includes any form of unequal treatment based on the use of this entitlement.

Regulation 9: Workers, including employee representatives, are protected from retaliation for lodging complaints or initiating legal proceedings to enforce miscarriage leave rights. This protection is in addition to safeguards under article 28 of Act.

Regulation 10: Dismissal or preparation for dismissal based on miscarriage leave is unlawful. Workers may request written reasons for dismissal, which shall be provided within 15 calendar days from the request. If a worker presents facts suggesting that the dismissal was due to miscarriage leave, the employer bears the burden of proof to show otherwise.

Regulation 11: Any disputes regarding entitlement or related matters may be referred to the Director General of the Department for Industrial and Employment Relations, who shall act as a mediator between the parties.

Regulation 12: The miscarriage leave entitlement also applies to employees providing service to the Government.

Regulation 13: Any breach of these regulations constitutes an offence under the Act and is punishable under article 45 of the Act.

5. Concluding sections

The regulations shall come into force on first (1st) January 2026.

Contact information

Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers
Email:info.dier@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

2nd December, 2025

Nru. 1908

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI)

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali
Attività li għandha tiġi regolata	Leave speċjali
Entità Responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Taqsira u l-isfond

Ir-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali jaġġornaw il-qafas eżistenti tar-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali (L.S. 452.101) (ir-"regolamenti prinċipali") taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet industrijali (Kap. 452) (l-"Att"). L-għan ewlieni tagħhom huwa li jwessgħu l-ambitu tad-drittijiet għal-leave speċjali u li jintroduċu drittijiet ġodda għall-impjegati f'Malta, b'attenzjoni partikolari għaċ-ċirkostanzi ta' kompassjoni.

Waħda mill-bidliet l-aktar sinifikanti hija l-introduzzjoni ta' "leave speċjali tal-ġenituri għal luttu". Permezz ta' din il-bidla, fil-każ tal-mewt ta' wild taħt it-tmintax-il sena, l-impjegat ikun intitolat għal numru ta' ġranet ta' xogħol ta' leave speċjali tal-ġenituri għal luttu li , meta jiġu miżjuda mal-leave għal luttu stabbilit f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi biex Jirregola l-Pagi applikabbli jew fir-regolamenti prinċipali, jammonta għal total ta' sebat ijiem ta' xogħol. Il-prinċipal huwa obbligat li jipprovdi dan il-leave mingħajr ebda telf ta' paga, għalkemm jista' japplika għal rimborż għal leave speċjali tal-ġenituri għal luttu mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fi żmien tliet xhur mill-għoti tal-leave.

Ir-regolamenti jestendu wkoll id-drittijiet minimi eżistenti għal-leave, bħal dawk għal leave għal żwieġ, korriment, servizz ta' ġurat, u kwarantina, kemm għall-impjegati whole-time kif ukoll għal dawk part-time, bl-impjegati part-time jirċievu tali intitolamenti fuq bażi pro rata. Barra minn hekk, l-emendi jinkorporaw formalment "leave speċjali tal-ġenituri għal luttu" fil-lista ta' forom rikonoxxuti ta' leave flimkien ma' leave tat-twelid, leave taż-żwieġ, u oħrajn.

Fil-prattika, dawn il-bidliet isaħħu l-protezzjonijiet tal-impjegati u jġibu l-liġi Maltija aktar konformi mal-istandards tax-xogħol Ewropej u internazzjonali li qed jevolvu. Huma jipprovdu appoġġ akbar lill-ġenituri f'ċirkostanzi traġiċi, isaħħu l-ġustizzja billi jiżguraw li l-ħaddiema part-time ma jiġux eskluži mid-drittijiet għal-leave speċjali, u jibbilanċjaw l-obbligi tal-prinċipal mal-possibilitajiet ta' rimborż permezz ta' mekkaniżmi tal-istat.

2.2 L-importanza tar-regolamenti

Dawn ir-regolamenti huma sinifikanti għaliex jintroduċu approċċ aktar kompasjonali u inklużiv għad-drittijiet tal-impjegati. Billi jirrikonoxxu formalment il-leave speċjali tal-ġenituri għal luttu, huma jipprovdu appoġġ vitali lill-ġenituri matul wieħed mill-aktar avvenimenti diffiċili tal-ħajja, filwaqt li jiżguraw ukoll li l-ħaddiema part-time ma jiġux eskluži mill-intitolamenti ewlenin. Fl-istess ħin, huma jibbilanċjaw ir-responsabbilta soċjali mal-prattika ekonomika billi jippermettu lil prinċipal jirkupra l-ispejjeż relatati mill-istat. B'dan il-mod, l-emendi jimmodernizzaw il-liġi tax-xogħol ta' Malta, billi jinkorporaw il-ġustizzja, id-dinjita' u l-benesseri fir-relazzjoni tax-xogħol.

2.3 Konsultazzjoni pubblika

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, Bord tripartitiku magħmul minn rappreżentanti ta' trade unions, assoċjazzjonijiet ta' prinċipal u l-gvern, kif stipulat taħt l-Att.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba' (4) regolamenti li jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu
2. Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali
3. Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali
4. Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

4. Kummentarju

Regolament 2: Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

Din l-emenda twessa' l-kamp ta' applikazzjoni. Minflok ma d-drittijiet speċjali għal-leave huma limitati għall-impjegati whole-time, ir-regolamenti issa japplikaw għall-impjegati kollha, kemm jekk whole-time jew part-time, b'ħaddiema part-time intitolati fuq bażi pro rata. Tintroduċi wkoll kategorija ġdida ta' leave; "leave speċjali tal-ġenituri għal luttu", flimkien ma' leave għall-mard, leave tat-twelid, leave għal luttu, leave għal żwieġ, leave għal korriment, leave għas-servizz ta' ġurat, u leave tal-kwarantina.

Regolament 3: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali

Dan ir-regolament jaġġorna u jżid it-tifsiriet. It-terminu "Dipartiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318). Tifsira ġdida hija introdotta għal "leave speċjali tal-ġenituri għal luttu", imfisser bħala leave imħallas mogħti mal-mewt ta' wild taħt it-tmintax-il sena, bla ħsara għal-leave eżistenti għal luttu.

Regolment 4: Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

Dan ir-regolament jistabbilixxi d-dritt prattiku għal numru ta' ġranet ta' xogħol ta' leave speċjali tal-ġenituri għal-luttu li, meta jiġu miżjuda mal-leave għal luttu stabbilit f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi biex Jirregola l-Pagi applikabbli jew fir-regolamenti prinċipali, jammonta għal total ta' sebat ijiem ta' xogħol. Il-prinċipal jista' japplika mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għar-rimborż tal-pagi mħallsa matul dan il-leave speċjali tal-ġenituri għal-luttu fi żmien tliet xhur minn meta dan il-leave jkun intuża mill-impjegat. Jekk il-prinċipal ma japplikax mad-Dipartiment f'dan il-perjodu, jintilef id-dritt għar-rimborż.

Dan ir-regolament jinkludi b'mod espliċitu il-leave speċjali tal-ġenituri għal luttu fil-lista ta' kategoriji ta' leave rikonoxxuti. Tiżgura wkoll li r-referenzi fir-regolamenti prinċipali jiġu aġġornati biex ikopru din il-forma ġdida ta' leave.

4. Sezzjonijiet konklużivi

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Informazzjoni ta' kuntatt
Dipartiment għar-Relazzjonijiet industrijali u tal-impjieg,
121, Triq Melita,
Valletta - Malta, VLT 1121

Telefon:
1575 għall-impjegati
1576 għal min iħaddem
Indirizz elettroniku: info.dier@gov.mt

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-2 ta' Diċembru, 2025

No. 1908

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE)

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Minimum Special Leave Entitlement (Amendment) Regulations, 2025
Activity to be regulated	Special Leave
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

5.4 FES is not bound to accept the service offered by any Proposer and reserves the right to reject any or all proposals, even the cheapest option.

5.5 Contract will be awarded and shall be valid for a period of one (1) year or by when the threshold of €9,999 excl. VAT is reached.

5.6 Any communication requesting further information on the required services to be provided or on the proposal itself shall be made in writing via email no later than three days before the closing date stipulated above and forwarded to (procurement.fes@gov.mt).

5.7 FES shall answer all queries in writing.

2nd December, 2025

ATT TAL-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

Regolamenti tal-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

Riżultat tal-Elezzjoni

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi wara l-avviż għan-nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtlew seba' vakanzi mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina bħala membri fuq il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 (1) (c) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta l-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2025, u elezzjoni li saret bil-posta,

Is-Sur Shawn Meilak (Fiżjoterapista)
Is-Sa Grazielle Tanti (Patologista fil-Lingwa Mitkellma)
Is- Sa Fleur Marie Bugeja (Nutrizzjonista)
Is-Sur Clinton Schembri Francalanza (Podjatrista)
Is-Sa Claudia Bartolo Tabone (Xjenzata Mediku tal-Laboratorju)
Is-Sur Edward Gruppetta (Radjografu)
Is-Sur Karl Spiteri (Fiżjoterapista)

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT, 2003
(CAP. 464)

Council for the Professions Complementary to Medicine

Council for the Professions Complementary to Medicine (Elections) Regulations, 2004

Election Result

It is hereby notified for general information that following the notice for the nomination of seven professionals regulated by the Council for the Professions Complementary to Medicine to sit on the Council for the Professions Complementary to Medicine in accordance with the provisions of Article 26 (1) (c) of the Health Care Professions Act (Cap. 464), published in the Malta Government Gazette on the 28th of October, 2025, and a subsequent postal ballot held to fill the seven vacancies mentioned above,

Mr Shawn Meilak (Physiotherapy)
Ms Grazielle Tanti (Speech Language Pathology)
Ms Fleur-Marie Bugeja (Nutrition)
Mr Clinton Schembri Francalanza (Podiatry)
Ms Claudia Bartolo Tabone (Medical Laboratory Science)

Mr Edward Gruppetta (Radiographer)
Mr Karl Spiteri (Physiotherapy)

ġew eletti għas-seba' vakanzi fuq il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina għall-perjodu ta' tliet snin mis-28 ta' Novembru, 2025.

Is-Sur Paul Spiteri
Is-Sa Antoinette Laferla
Is-Sa Josette Portelli
Kummissjoni għall-Elezzjoni tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

It-2 ta' Diċembru, 2025

were elected as members on the Council for the Professions Complementary to Medicine for a period of three years with effect from the 28th November, 2025.

Mr Paul Spiteri
Ms Antoinette Laferla
Ms Josette Portelli
Council for the Professions Complementary to Medicine Election Commissioners

2nd December, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru sondaġġi permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Il-Mellieħa – mit-2 ta' Diċembru sat-20 ta' Diċembru, 2025

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Mellieħa – from 2nd December to 20th December, 2025

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

2nd December, 2025

KUNSILL LOKALI PAOLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi l-laqgħa annwali tal-lokalità li trid tinżamm skont l-Att dwar il-Gvern Lokali biex jiġu ppreżentati l-estimi finanzjari tal-2026 se ssir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru, 2025, fis-7.00 p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Dawk kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali huma mħeġġa sabiex jattendu u jipparteċipaw.

It-2 ta' Diċembru, 2025

PAOLA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

The Paola Local Council notifies that in accordance with the Local Government's Act, the annual locality meeting will be held on Wednesday, 17th December, 2025, at 7.00 p.m. at the Lcal Council's Office, as to present the financial estimates for the year 2026.

Those residents whose names are listed in the last Electoral Register are invited to attend and participate.

2nd December, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ (MALTA)

Laqgħa Pubblika Annwali

Skont l-artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2025, fl-Iskola Primarja, Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ, fis-6.30 p.m.

Dawk ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għal-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ huma mistiedna jattendu. Min jixtieq jagħmel xi lmenti/

ĦAŻ-ŻEBBUĠ (MALTA) LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Thursday, 4th December, 2025, at the Primary School, Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ, at 6.30 p.m.

All residents listed in the last edition of the Electoral Register for the Locality of Ħaż-Żebbuġ are invited to attend. Those who would like to put forward any questions/

suġġerimenti jista' jagħmel dan billi jibgħat ittra elettronika lil (zebbug.malta.lc@gov.mt) jew jikteb ittra għall-attenzjoni tas-Sindku, Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, sa nofsinhar ta' nhar il-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, 2025.

It-2 ta' Diċembru, 2025

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta, tgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet jintlaqgħu minn Aquatic Resources Malta sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Dicembru, 2025, għal:

Kwot. Nru (ARM/0367/2025). Tneħħija u rimi ta' pajpijiet qodma u provvista, konsenja u stallazzjoni ta' pajpijiet ġodda ta' sostituzzjoni għall-ilma baħar ambjentali għal Aquatic Resources Malta (ARM).

Id-dokumenti huma minghajr ħlas.

Provdituri interessati għandhom jibaghtu ittra elettronika lil (procurement.arm@gov.mt), jew iċemplu fuq +356 2292 6900, biex jiksbu d-dokument tas-Sejħa tal-Kwotazzjonijet.

Se ssir laqgħa ta' kjarifika u żjara fuq il-post f'Aquatic Resources Malta, Forti San Luċjan, Triq il-Qajjenza, Marsaxlokk BBG 1283, nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025, fid-9.00 a.m., biex jiġu provduti spjegazzjonijiet aħjar lill-partijiet interessati dwar is-Sejħa għall-Kwotazzjonijiet. Il-minuti tal-laqgħa jiġu rreġistrati u mqassma lil dawk kollha li jkunu wrew interess.

It-2 ta' Diċembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, 2025.

ERU2711U25 – Medicinal
ERU2711U25A – Devices
ERU2711U25B – Medicinal
ERU2711U25C – Medicinal
ERU2711U25D – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-2 ta' Diċembru, 2025

suggestions may do so by sending an email to (zebbug.malta.lc@gov.mt), or by sending a letter in writing to the attention of The Mayor, Ħaż-Żebbuġ Local Council, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, by noon of Wednesday, 3rd December, 2025.

2nd December, 2025

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta, notifies that:

Quotations will be received by Aquatic Resources Malta up to noon of Friday, 19th December, 2025, for:

Quot. No. (ARM/0367/2025). Removal, discarding of old pipeline and the supply, delivery and installation of new replacement ambient sea water pipeline for Aquatic Resources Malta (ARM).

Documents are free of charge.

Interested suppliers are to send an email to (procurement.arm@gov.mt) or call on +356 2292 6900 to obtain the Request for Quotations Document.

A clarification meeting and site visit will take place at Aquatic Resources Malta, Fort San Luċjan, Triq il-Qajjenza, Marsaxlokk BBG 1283, on Tuesday, 9th December, 2025, at 9.00 a.m., to provide interested parties with a better understanding of the call for quotation. Minutes of the meeting will be recorded and shared with all interested participants.

2nd December, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 3rd December, 2025.

ERU2711U25 – Medicinal
ERU2711U25A – Devices
ERU2711U25B – Medicinal
ERU2711U25C – Medicinal
ERU2711U25D – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

2nd December, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2025.

ERU2811U25 – Medicinals
ERU2811U25A – Medicinals
ERU2811U25B – Medicinals
ERU2811U25C – Medicinals
ERU2811U25D – Medicinals
ERU2811U25E – Devices
ERU2811U25F – Devices
ERU2811U25G – Devices
ERU2811U25H – Medicinals
ERU2811U25I – Medicinals
ERU2811U25J – Medicinals
ERU2811U25K – Medicinals
ERU2811U25L – Medicinals
ERU2811U25M – Medicinals
ERU2811U25N – Devices
ERU2811U25O – Medicinals
ERU2811U25P – Medicinals

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-2 ta' Diċembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 4th December, 2025.

ERU2811U25 – Medicinals
ERU2811U25A – Medicinals
ERU2811U25B – Medicinals
ERU2811U25C – Medicinals
ERU2811U25D – Medicinals
ERU2811U25E – Devices
ERU2811U25F – Devices
ERU2811U25G – Devices
ERU2811U25H – Medicinals
ERU2811U25I – Medicinals
ERU2811U25J – Medicinals
ERU2811U25K – Medicinals
ERU2811U25L – Medicinals
ERU2811U25M – Medicinals
ERU2811U25N – Devices
ERU2811U25O – Medicinals
ERU2811U25P – Medicinals

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

2nd December, 2025

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Jannar, 2026, għal:

Avviż Nru PLA 07/2025. Provvista u installazzjoni ta' EPDM rubber fil-playing field fi Pjazza Sant'Antnin, Paola għall-Kunsill Lokali Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-2 ta' Diċembru, 2025

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. of Monday, 19th January, 2026, for the:

Advt No. PLA 07/2025. Provision and installation of EPDM rubber in a playing field located in Pjazza Sant'Antnin, Paola for the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Council reserves the right of refusing any offer, even the most advantageous.

2nd December, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2993

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1133/2024AB , fl-ismijiet: Stephen Dalli et vs Saviour Ellul, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Stephen Dalli (KI106185M) et vs Saviour Ellul (KI812557M) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-24 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li bl-aġir u bin-nuqqasijiet tiegħu, il-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti meta huma ġew imwaqqfa milli jkunu jistgħu jkomplu jiżviluppaw u jlestu l-proprjetà tagħhom fi Triq it-Tempesta, il-Qrendi;

2. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-esponenti bi ħtijiet tal-konvenut, inkluż bl-opera ta' perit nominand;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni kollha hekk likwidati u dovuti;

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1133/2024AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-11 ta' Diċembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat:
Saviour Ellul (812557M), 'Millenium 2000', Triq it-Tempesta, il-Qrendi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 27 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd October, 2025, in the records of the Sworn application number 1133/2024AB, in the names: Stephen Dalli et vs Saviour Ellul, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Stephen Dalli (ID106185M) et vs Saviour Ellul (ID812557M) filed in the Civil Court First Hall on the 24th October, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that by his actions and shortcomings, the defendant is responsible for all the damages suffered by the applicants when they were stopped from being able to further develop and complete their property in Triq it-Tempesta, Qrendi;

2. Liquidate all the damages so suffered by the applicant by the fault of the defendant, including by the appointment of an architect;

3. Condemn the defendant to pay all the damages so liquidated and due;

With all costs and legal interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 1133/2024AB in the names mentioned above is postponed to 11th December, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent:
Saviour Ellul (812557M), "Millenium 2000", Triq it-Tempesta, Qrendi

Registry of the Superior Courts, today, 27th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2994

DKR 238/2017 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Novembru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr. Elaine Rizzo LL.D) in segwitu tar-rikors ippreżentat min-Nutar Francesca Cachia Zammit

DKR 238/2017 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th November, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Elaine Rizzo LLD) following an application filed by Notary Francesca

fl-10 ta' Novembru 2025, Kumpilazzjoni numru 268/2017, fil-kawża fl-ismijiet:-

Il-Pulizija
Kontra

MARIO VELLA, ta' 50 sena, bin il-mejjet Alexander u Carmen xebba Muscat, imwieled Tal-Pietà, Malta fit-2 ta' Awwissu 1975, residenti fil-fond Ashmar, Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi Malta u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 366375(M).

Il-Qorti AWTORIZZAT lin-Nutar Francesca Cachia Zammit in segwitu tad-dikjarazzjoni dwar ir-rikavat dovut lill-imputat Mario Vella mill-bejg tal-fond bin-numru 12, Toronto, Triq Giuseppe Cali, Ħal Lija li jammonta għal ħamsa u tletin elf u tlett ewro (€35,003) li:

i. Twettaq tnaqqis tas-somma ta' €1,003 rappreżentanti spejjeż dovuti lill-Aġenzija Frank Salt Real Estate Limited bil-għan li titħallas l-istess Aġenzija Frank Salt Real Estate Limited;

ii. Twettaq it-tnaqqis ta' €3,400 rappreżentanti taxxa dovuta mill-imputat Mario Vella fuq il-bejgħ u tawtorizzaha tħallas l-istess taxxa; u

iii. Tiddepożita r-rikavat minn dan il-bejgħ dovut lill-imputat Mario Vella li hu €30,600 fir-Reġistru ta' din il-Qorti.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet tal-iffriżar tal-assi mogħti fl-20 ta' Ġunju, 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LLD) u pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Ġunju, 2017 fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi jew li huma proprjetà ta' Mario Vella.

Illum, 27 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Cachia Zammit on the 10th of November, 2025, Compilation number 268/2017, in the case in the names:-

The Police
Versus

MARIO VELLA, 50 years, son of the late Alexander and Carmen née Muscat, born in Tal-Pietà Malta on the 2nd August 1975, residing at Ashmar, Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi Malta and holder of Maltese Identity Card bearing number 366375(M).

The Court AUTHORIZED Notary Francesca Cachia Zammit following the declaration regarding the proceeds due to the accused Mario Vella from the sale of the property number 12, Toronto, Triq Giuseppe Cali, Ħal Lija amounting to thirty-five thousand and three euros (€35,003) to:-

i. Deduct the amount of €1,003 representing expenses due to Frank Salt Real Estate Limited so that they will be paid to Frank Salt Real Estate Limited;

ii. Deduct the amount of €3,400 representing tax due from the accused Mario Vella on the mentioned sale and authorizes her to pay this tax; and

iii. Deposit the proceeds from this sale due to the accused Mario Vella which amount to €30,600 in the Registry of this Court.

This variation is made in terms of Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and of Section 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta following a freezing order dated 20th June, 2017 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LLD) and published in the Government Gazette of the 23rd June, 2017 where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Mario Vella.

Today, the 27th of November, 2025

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

2995

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 133/2025AL fl-ismijiet Cassidy Camilleri vs Radwan Hijazi, ġiet ordnata s-segwenti

By means of a decree of the 14th October, 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Cassidy Camilleri vs Radwan Hijazi, Application Number 133/2025AL, the following publication was ordered

pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Radwan Hijazi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organiżzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta rikors ġuramentat fl-ismijiet Cassidy Camilleri (KI 67500L) VS Radwan Hijazi (KI 288793M) fl-atti tar-rikors ġuramentat Numru 133/2025AL, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-24 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrenti Cassidy Camilleri talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Fl-aħjar interess tal-bint – ommiss - tiddikjara u tiddeċiedi illi ċ-ċirkostanzi tal-partijiet u tal-minuri inbiddlu b'tali mod illi jimmeritaw li l-kuntratt iffirmat minnhom quddiem in-Nutar Maria Georgakopoulus għandu jiġi għal kollox annullat u mħassar;

2. Konsegwentement fl-ahjar interess tal-minuri – omissis - tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri u ċioè dawk ta' edukazzjoni, saħħa u deċiżjonijiet dwar il-hruġ o meno` ta' passaport, jittieħdu esklussivament mill-omm;

3. Tordna li l-minuri ghandha titħalla fil-libertà fir-rigward tal-aċċess tagħha mal-,issier u f'każ li ma tilqax tali talba, tiffissa ġranet u ħinijiet t'aċċess fissi favur il-missier liema aċċess għandu jdur mal-bżonnijiet u l-aħjar interess tal-minuri (u mhux tal-missier) u dan mingħajr sleepovers;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri fl-ammont ta' mhux inqas minn erba' mitt ewro (€400) jew somma oħra verjuri u dan sakemm l-istess bint tagħlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeċiedi li tieqaf mill-istudji tagħha u tibda taħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin sena jekk tiddeċiedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bażi full-time b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u liema ammont għandu jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet tal-minuri stante li huwa ma jħallas qatt l-istess;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri – omissis - fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-proċedura ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Cassidy Camilleri vs Radwan Hijazi (Rik Nru 133/2025AL) hija differita għat-8 ta' Jannar, 2026 fid-9.30 a.m.

for the purpose of effecting service on the respondent Radwan Hijazi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 133/2025AL in the names Cassidy Camilleri (ID 67500L) vs Radwan Hijazi (ID 288793M)), filed in the Civil Court (Family Section), on the 24th June, 2025, the applicant Cassidy Camilleri requested this Honourable Court to:

1. In the best interest of the daughter – ommiss – declare and decide that the circumstances of the parties and of the minor have changed in such a manner that they deserve that the contract signed by them before Notary Maria Georgakopoulus should be completely annulled and cancelled;

2. Consequently in the best interest of the minor – omissis – entrusts the care and custody of the minor exclusively to the mother, provided that all decisions regarding the minor and namely those of education, health and decisions regarding the issue of a passport are taken exclusively by the mother;

3. Order that the minor shall be granted liberty as regards her access with the father and in case this request in not upheld, fix access days and times in favour of the Father which access shall go beyond the needs and best interests of the minor (and not of the father) and this without sleepovers;

4. Liquidate and fix maintenance for the minor in the amount of not less than four hundred euro (€400) or another true sum until the same daughter reaches eighteen years of age if she decides to stop her studies and start working on a full-time basis, or up to twenty-three years if she decides to continue her studies on a full-time basis with all those modalities of payment, including provision for the periodic increase to make good the cost of living and which amount should include the respondent's share of the health expenses, education and activities of the minor since he never pays the same;

5. Give all the appropriate and opportune provisions concerning the minor – omissis – amongst which but not limitedly as to how the minor's travel is to be regulated, the attendance of the minor at school and other educational and extra-curricular activities, and all this under any appropriate and opportune provision given by this Honourable Court.

With costs, including those of the mediation procedure, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The application in the names Cassidy Camilleri vs Radwan Hijazi, Application Number 133/2025AL has been postponed for hearing to the 8th January 2026 at 9.30 a.m.

Esponenti: 3, Flat 3, Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana.

Notifika intimat – 119, Josmar Flats, Flat 1, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi.

Reġistru tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja), illum, 28 ta' November 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 3, Flat 3, Pjazza Emanuel S Tonna, Floriana.

Notification respondent – 119, Josmar Flats, Flat 1, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th November 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2996

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2025 fuq talba ta' Paola Baldacchino et ġie ordnat biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Carmelo Zammit, fl-atti taċ-ċedola numru 341/2025 fl-ismijiet Paola Baldacchino et vs kuraturi deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens numru 341/2025 fl-ismijiet Paola Baldacchino, pensjonanta, armla ta' Joseph Baldacchino, bint il-mejtin Paul Zammit u Giovanna née Grixti, imwielda ż-Żurrieq u residenti 33, Triq San Patrizju, Birżebbuġa detentrici tal-karta tal-identità numru 970449M; Robert Baldacchino, procurement officer, iben il-mejjet Joseph Baldacchino u Paola née Zammit, imwieled tal-Pietà u residenti 13, Flat 2, Triq Dun Ġorġ Zammit, Birżebbuġa detentur tal-karta tal-identità numru 67178M; u Dennis Baldacchino, financial controller, iben il-mejjet Joseph Baldacchino u Paola née Zammit, imwieled tal-Pietà u residenti Xeris, Triq Dun Luret Callus, Ħaż-Żebbuġ, Malta detentur tal-karta tal-identità numru 540481M Vs Kuraturi Deputati Nominati sabiex jirrappreżentaw lil eredi kollha ta' Carmelo Zammit, ippreżentata fit-13 ta' Frar, 2025, fejn Paola Baldacchino (KI 970449M), Robert Baldacchino (KI 67178M) u Dennis Baldacchino (KI 540481M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma ko-proprjetarji tal-maisonette li jinsab fl-elevated ground floor level fi Triq San Patrizju, Birżebbuġa bin-numru uffiċċjali tlieta u tletin (33) u mingħajr isem u huwa sottopost ghal proprjetà ta' terzi u ċioè minghajr l-arja relattiva. Illi l-pjanta tal-fond de quo qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A'.

Illi l-esponenti Paola Baldacchino ghandha sehem ta' nofs indiviż mill-maisonette filwaqt illi l-esponenti Robert Baldacchino u Dennis Baldacchino għandhom flimkien, fi

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 18th February, 2025 following a request of Paola Baldacchino et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown heirs of Carmelo Zammit, in the acts of the schedule of deposit number 341/2025 in the names Paola Baldacchino et vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 341/2025 in the names Paola Baldacchino, pensioner, widow of Joseph Baldacchino, daughter of the late Paul Zammit and Giovanna née Grixti, born in Żurrieq and residing at 33, Triq San Patrizju, Birżebbuġa (ID 970449M), Robert Baldacchino, procurement officer, son of the late Joseph Baldacchino and Paola née Zammit, born in tal-Pietà and residing at 13, Flat 2, Triq Dun Ġorġ Zammit, Birżebbuġa, (ID 67178M) and Dennis Baldacchino, financial controller, son of the late Joseph Baldacchino and Paola née Zammit, born in tal-Pietà and residing at Xeris, Triq Dun Luret Callus, Ħaż-Żebbuġ (ID 540481) vs deputy curators to represent all the heirs of Carmelo Zammit, filed on the 13th February, 2025 whereby Paola Baldacchino (ID 970449M), Robert Baldacchino (ID 67178M) and Dennis Baldacchino (ID 540481M) respectfully submitted:

That the applicants are co-owners of the maisonette situated at the elevated ground floor level in Triq San Patrizju, Birżebbuġa with official number thirty three (33) and without name and is subject to third party property and that is without the relative airspace. That the plan of the premises de quo is here attached and marked as "Doc A".

That the applicant Paola Baldacchino has one half undivided share of the maisonette whilst the applicants Robert Baldacchino and Dennis Baldacchino have together,

kwoti indaqs u indiviżament bejniethom is-sehem rimanenti u ċioè sehem ta' nofs indiviż.

Illi s-sehem ta' nofs indiviż appartenenti lill-esponenti Paola Baldacchino ġie akkwistat fiż-żwieġ u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (13/02/2008) (hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B') filwaqt li s-sehem tal-esponenti Robert Baldacchino u Dennis Baldacchino iddevolva għal fuqhom wara l-mewt ta' misserhom Joseph Baldacchino permezz ta' testment tat-tlieta ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (03/09/1997) fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C'. Illi fit-tmintax ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (18/03/2009) fl-Atti tan-Nutar Dottor Adriana Vella, saret id-dikjarazzjoni causa mortis, li qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok D'.

llli għal kull buon fini qiegħed jigi dikjarat illi minn riċerka illi saret jirriżulta s-segwenti:

i. Oriġinarjament l-art fuq liema inbena l-maisonette de quo kienet tifforma parti minn porzjoni akbar diviża ta' art ta' superfice ta circa mija u disgħa u ħamsin qasab kwadri (159qk) formanti parti mill-art denominata 'Tal-Gurgier' fi Triq San Patrizju ġewwa Birżebbuġa, liema art oriġinarjament kienet tappartjeni lil Carmelo Zammit li kien kkoncedieha b'ċens perpetwu lil Emanuel Baldacchino permezz ta' kuntratt ta' emfitewsi fl-Atti tan-Nutar Dottor Giovanni Vella datat tmienja u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija erbgħa u erbgħin (28.12.1944) (hawn anness u mmarkat bhala 'Dok E'), liema porzjoni diviża ta' art kienet soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' seba' liri ħames xelini u disa' soldi (Lm 7.5.9) li jitħallsu kull sena b'lura fis-16 ta' Lulju. Illi Emanuel Baldacchino kien ġià bena terran u mezzanin a spejjeż tiegħu, fuq parti minn din il-porzjoni diviża ta' art, u dan kif muri fil-pjanta annessa mal-istess Dok E.

ii. Sussegwentement, b'kuntratt ta' donazzjoni ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar datat tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (02.05.1981) hawn anness u mmarkat bhala 'Dok F', Joseph Baldacchino akkwista t-terran numru wieħed u erbgħin (41) b'titolu ta' donazzjoni minghand il-ġenituri tieghu Emanuel Baldacchino u Concetta nèe Vella, liema terran kien soġġett għar-rata tieghu ta' ċens perpetwu ta' erba' u tmenin ċenteżimi (Lm 0.84) fis-sena ekwivalenti ghal circa ewro u sitta u disgħin ċenteżimi (€1.96) .

iii. Illi sovrapost l-imsemmi terran, kien hemm mezzanin bin-numru tlieta u tletin (33) gja numru tnejn u erbgħin (42) soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ewro u sebgħa u disgħin ċenteżimi (€1.97), liema mezzanin kien ġie akkwistat mis-soċjetà Krigar Developments Limited permezz ta'

in equal shares and divided between them the remaining share and namely one half undivided share.

That the half undivided share belonging to the applicant Paola Baldacchino was acquired during marriage and this by means of a contract in the records of Notary Dr Marco Burlo dated thirteenth February of the year two thousand and eight (13/02/2008) (hereby attached and marked as "Doc B") whilst the share of the applicants Robert Baldacchino and Dennis Baldacchino devolved on them following the death of their father Joseph Baldacchino by means of a will of the third September of the year one thousand nine hundred and ninety seven (03/09/1997) in the records of Notary Dr Paul Pullicino, here attached and marked as "Doc C". That on the eighteenth March of the year two thousand and nine (18/03/2009) in the records of Notary Dr Adriana Vella, the declaration causa mortis was made, which is here attached and marked as "Doc D".

That for all intents and purposes it is stated that from research carried out the following results:

i. Originally the land on which the maisonette de quo was built formed part of a larger divided portion of land of superfice of about one hundred and fifty nine square canes (159sqc) forming part of the land denominated "Tal-Gurgier" in Triq San Patrizju in Birżebbuġa, which land originally belonged to Carmelo Zammit who had granted it by perpetual groundrent to Emanuel Baldacchino by means of a contract of emphyteusis in the records of Notary Doctor Giovanni Vella dated twenty eight of December of the year one thousand nine hundred and forty four (28.12.1944) (hereby attached and marked as "Doc E"), which divided portion of land was subject to the annual and perpetual groundrent of seven Liri five shillings and nine pence (Lm 7.5.9) to pay annually in arrears on July 16. That Emanuel Baldacchino had already built a ground floor and first floor at his own expense, on part of this divided portion of land, and this as shown in the plan attached with the same Doc E.

ii. Subsequently, by a contract of donation published in the records of Notary Dr George Cassar dated second May of the year one thousand nine hundred eighty one (02.05.1981) hereby attached and marked as "Doc F", Joseph Baldacchino acquired the tenement number forty one (41) by title of donation from his parents Emanuel Baldacchino and Concetta née Vella, which tenement was subject to the rate of perpetual groundrent of eighty four cents (LM 0.84) per annum equivalent to about Euro and ninety six cents (€1.96).

iii. That overlying the said ground floor tenement, there was a first floor numbered thirty three (33) previously numbered forty two (42) subject to the annual and perpetual groundrent of one Euro and ninty seven cents (€1.97), which first floor was acquired by the company Krigar Developments

kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat l-ewwel ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (01.06.2006).

iv. Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (13.02.2008) (vide 'Dok B'), l-mejjet Joseph Baldacchino u l-esponenti martu Paola Baldacchino trasferixxew b'titolu ta' tpartit lis-soċjetà Krigar Developments Limited (C 30913) aċċettanti, it-terran numru erbgha u tletin (34) ġià wieħed u erbgħin (41). In kontra-kambju u bl-istess titolu ta' tpartit s-soċjetà Krigar Developments Limited trasferixxiet lill-istess Joseph Baldacchino u Paola Baldacchino t-terran il-ġdid ossia l-elevated ground floor maisonette soġġett għas-sehem tieghu proporzjonali tac-cens annwu u perpetwu u dan wara li ddemolixxit l-korp kollu tal-bini okkupati mit-terran numru erbgħa u tletin (34) ġià wieħed u erbgħin (41), il-kantina sottoposta ghall-istess terran, u l-mezzanin numru tlieta u tletin (33) ġià tnejn u erbgħin (42) bl-arja sovraposta fi Triq Patrizju, Birżebbuġa.

v. Illi ghaldaqstant, s-sit fejn ġie kostruwit il-korp tal-bini ġdid huwa soġġett għaċ-ċens globali ta' tlett ewro u tlieta u disgħin ċenteżimi (€3.93) rappreżentanti in kwantu ghal ewro u sebgħa u disgħin ċenteżimi (€1.97) ċens li kien gravanti fuq il-mezzanin numru tlieta u tletin (33) ġià numru tnejn u erbgħin (42) u in kwantu ghal ewro u sitta u disgħin ċenteżimi (€1.96) ċens li kien gravanti t-terran sopradeskritt.

vi. Illi l-korp il-ġdid ta' bini żviluppat mis-soċjetà Krigar Developments Limited illum jikkonsisti f'garage complex fis-semi-basement level, l-imsemmi elevated ground floor maisonette, tlett appartamenti u penthouse. Illi ghalhekk is-sehem taċ-ċens proporzjonali gravanti l-elevated ground floor maisonette huwa dak ta' sebgħin ċenteżimi tal-ewro (€0.70).

Illi s-sid jew sidien li għandhom id-directus dominus ta' dan il-maisonette huma ignoti għall-esponenti u dan minkejja kull tentattiv illi sar minnhom u għalhekk qiegħed jigi ppreżentat rikors kontestwali biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sid jew sidien mhux magħrufa.

Illi llum l-esponenti jixtiequ li jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija skont il-liġi u dan ai termini tal-Artikolu elf hames mija u wiehed (Art. 1501) tal- Kapitolu Sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, u jifdu dan l-istess ċens annwu u perpetwu ta' sebgħin ċenteżimi tal-ewro (€0.70) liema ċens relattiv għandu jiġi mifdi bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) u dan kif stipulat fil-kuntratt ta' emfitewsi su-ċitat, li jiġi hekk kapitalizzat fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin ewro u erbgħa u tletin ċenteżimi (€23.34).

Limited by means of a contract in the records of Notary Dr Marco Burlo dated the first June of the year two thousand and six (01.06.2006).

iv. That by means of a contract in the records of Notary Dr Marco Burlo dated thirteenth February of the year two thousand and eight (13.02.2008) (vide "Doc B"), the deceased Joseph Baldacchino and the applicant his wife Paola Baldacchino transferred by title of exchange to the company Krigar Developments Limited (C 30913), the tenement number thirty four (34) previously forty one (41). In counter-exchange and with the same title of exchange the company Krigar Developments Limited transferred to the same Joseph Baldacchino and Paola Baldacchino the new tenement or rather the elevated ground floor maisonette subject to its proportional share of the annual and perpetual groundrent and this after demolishing the whole block of buildings occupied by tenement number thirty four (34) previously forty one (41), the basement underlying the same ground floor, and maisonette number thirty three (33) previously forty two (42) with overlying airspace in Triq Patrizju, Birżebbuġa.

v. Thus, the site where the new block was built is subject to a global groundrent of three Euro and ninety-three cents (€3.93) representing as for one Euro and ninety-seven cents (€1.97) which was burdening on the mezzanine number thirty-three (33) previously number forty-two (42) and as for one Euro and ninety-six cents (€1.96) which was burdening on the mezzanine number thirty-three (33) previously number forty-two (42) and as for one euro and ninety-six cents (€1.96) groundrent of the previously described tenemant.

vi. That the new block of buildings developed by Krigar Developments Limited today consists of a garage complex at the semi-basement level, the said elevated ground floor maisonette, three apartments and penthouse. That thus the share of the proportional groundrent burdening the elevated ground floor maisonette is that of seventy euro cents (€0.70).

That the owner or owners who have the directus dominus of this maisonette are unknown to the applicants and this despite any attempt made by them and thus a contextual application is being filed to appoint deputy curators to represent the unknown owner or owners.

That today the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them according to law and this in terms of Article one thousand five hundred and one (Art. 1501) of Chapter Sixteen (16) of the Laws of Malta, and redeem this same annual and perpetual groundrent of seventy euro cents (€0.70) which relative groundrent is to be redeemed at the rate of three per cent (3%) and this as stipulated in the deed of emphyteusis above mentioned, which shall be capitalised in the amount of twenty-three euro and thirty-four cents (€23.34).

Illi kontestwalment l-esponenti qegħdin jirregolaw ruħhom mal-istess liġi u permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu qegħdin jiddepożitaw a favur tal-intimati is-somma ta' ghaxar ewro u hamsin centeżimi (€10.50) rappreżentanti ċens annwu u perpetwu mhux imħallas għas-sena dekorribbli mis-sittax ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (16.07.2010) sas-sittax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (16.07.2025).

Illi l-esponenti sabiex jottempraw ruħhom mal-liġi qegħdin jiddepożitaw wkoll is-somma ta' sebghin ċenteżimi tal-ewro (€0.70) rappreżentanti laudemium.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taht l-Awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma globali ta' erbgħa u tletin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżimi (€34.54) konsistenti fl-ammont ta' €23.34 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu hawn fuq imsemmi, l-ammont ta' €10.50 rappreżentanti l-ħlas ta' arretrati ta' ċens kif hawn aktar 'il fuq deskritt, u l-ammont ta' €0.70 rappreżentanti ħlasijiet tad-dritt tal-lawdemju, sabiex din l-istess somma hekk depożitata tkun tista' tingħata liberament lil min ghandu d-dritt skont il-liġi wara li tiġi rilaxxjata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 33, Triq San Patrizju, Birżebbuġa
Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet – Triq il-Punent, il-Belt Valletta.

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Audrey Demicoli LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 18 ta' Frar, 2025.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 28 ta' Novembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

That at the same time the applicants are regulating themselves with the same law and by means of the present schedule of deposit are depositing in favour of the respondents the sum of ten euro and fifty cents (€10.50) representing an annual and perpetual groundrent not paid for the years which runs from the sixteenth July of the year two thousand and ten (16.07.2010) till the sixteenth July of the year two thousand and twenty five (16.07.2025).

That the applicants in order to abide with the law are depositing also the sum of seventy euro cents (€0.70) representing laudemium.

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its Authority are depositing the global sum of thirty-four euro and fifty-four cents (€34.54) consisting in the amount of €23.34 redemption price of the annual and perpetual groundrent above mentioned, the amount of €10.50 representing the payment of groundrent arrears as above described, and the amount of €0.70 representing the laudemium fees, so that this same sum deposited can be freely given to who ever has the right to it according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicants : 33, Triq San Patrizju, Birżebbuġa.
Notification: Director Public Registry, Public Registry, Valletta
Lands Registry – Triq il-Punent, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli LL.D, doctor of Laws.

Today, 18th February, 2025.

Registry of the Superior Courts, today, 28th November, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2624/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Alfredo Baldacchino, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alfredo Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum, t-30 ta' Lulju, 2024

Lil Alfredo Baldacchino (ID 242138M) ta' 16, Sqaq il-Għajn, il-Ħamrun.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,172.21, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-Liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000137594 ossia dwar il-fond bl-indirizz 16, Sqaq il-Għajn, il-Ħamrun.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti inqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

